**16 ta' Ottubru, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

ESV

*versus*

CV

**Separazzjoni Personali - Fond Matrimonjali - Bejgħ ta' - Urġenza - Talba ta'**

*Kien ġie pattwit bejn il-kontendenti illi l-attriċi kellha d-dritt meta trid hija tbiegħ il-fond matrimonjali u jinqata' d-dejn favur Lohombus Corporation u l-konvenut jagħti lill-attriċi għal darba waħda biss sehmu mir-rikavat bilanċjali.*

*Il-konvenut naqas milli jersaq għall-att finali tal-bejgħ. Il-Qorti laqgħet it-talba għall-urġenza kif ukoll it-talba attriċi fil-meritu u kkundannat lill-konvenut jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-Att ta' bejgħ.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-attriċi fil-21 ta' Ġunju, 1996 li biha ppremettiet:

Illi b'kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro ta' l-4 ta' Awissu, 1988 il-kontendenti konjuġi V kienu, fost ħwejjeġ oħrajn, xoljew il-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom u l-attriċi baqgħet tgawdi d-dritt li tibqa' tabita fil-fond matrimonjali Flat 2, St. Anthony Flats, Triq Giacinto Tua, il-Gzira;

Illi skond l-istess kuntratt il-fond matrimonjali baqa' proprjeta` komuni bejn il-konjuġi iżda baqa' riservat id-dritt lill-attriċi li meta tkun trid hi l-fond jinbiegħ u apparti li hija tieħu nofs ir-rikavat wara li jinqata' d-dejn fuqu dovut lill-Lohombus Corporation, il-konvenut obbliga ruħu jagħti lill-attriċi għal darba waħda biss sehmu mir-rikavat bilanċjali u dan għas-saldu ta-sehem li jmur lill-attriċi mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi sussegwentement il-konvenut intavola ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha talab, fost affarijiet oħrajn, lill-Qorti tiddikjara terminat u li l-attriċi ddekadiet mid-dritt ta' abitazzjoni fuq il-Flat 2, St. Anthony Flats, Triq Giacinto Tua, il-Gzira u konsegwentement tirrexindi dik il-parti ta' l-artikolu 5 (a) tal-kuntratt ta' separazzjoni billi d-dritt ta' abitazzjoni ta' l-imsemmi appartament jingħata lill-konvenut;

Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Mejju, 1994, u b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-19 ta' Ottubru, 1994, din it-talba tal-konvenut ġiet miċħuda;

Illi dan l-aħħar l-attriċi sabet il-bejgħ ta' l-imsemmi fond matrimonjali, iżda meta nfurmat lill-konvenut sabiex jersaq għall-att opportun ta' trasferiment dan beda' jinjoraha, u ġaladarba tippersisti din l-indifferenza da parti tal-konvenut, l-attriċi ma tistax tbiegħ il-fond;

Illi, fiċ-ċirkostanzi, il-konvenut huwa obbligat li jersaq fuq il-kuntratt ta' trasferiment relattiv in virtu' tal-kuntratt tas-separazzjoni u tas-sentenzi tal-Qrati Superjuri suċċitati;

Illi l-konvenut interpellat biex jersaq baqa' inadempjenti;

Talbet li għalhekk il-konvenut, in vista tal-premess, jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara li l-konvenut huwa obbligat li jersaq għall-kuntratt ta' bejgħ tal-fond matrimonjali Flat 2, St. Anthony Flats, Triq Giacinto Tua, il-Gzira, in virtu' tal-kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro ta' l-4 ta' Awissu, 1988 u tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-19 ta' Ottubru, 1994, fil-kawża fl-ismijiet **CV** *vs* **EV** (Ċitaz. nru. 1035/

93);

Tordna lill-konvenut sabiex jersaq għall-att opportun notarili ta' *trasferiment tal-fond matrimonjali* in kwistjoni, jsir meta jsir il-kuntratt;

Tinnomina *kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill*-eventwali kontumaċi fuq l-att opportun tal-bejgħ;

Bl-ispejjeż *kontra l-konvenut*;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha u l-lista tax-xhieda;

Rat id-dokumenti minnha esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Lulju, 1996 fejn wara talba b'rikors ippreżentat mill-istess attriċi hija ddeċidiet li tittratta l-kawża bl-urġenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali;

Il-Qorti f'dan *id-digriet tat għaxart ijiem* lill-konvenut biex jagħmel in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu;

Il-konvenut dana mhux *talli ma għamlux*, *imma* debitament notifikat lanqas deher għall-udjenza tad-9 ta' Settembru;

F'din l-udjenza l-Qorti nnominat lill-Assistenta Ġudizzjarja Dottoressa Monika Borg Galea biex tiġbor ix-xhieda u *l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza in difett ta'* ostakolu;

Il-Qorti kkunsidrat dawn l-erba' ċirkostanzi:

Il-kontumaċja ta' l-istess konvenut u n-nuqqas ta' dehra tiegħu;

Ix-xhieda mogħtija mill-istess attriċi fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 1996 quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja;

"Jiena nikkonferma dak kollu li kont għidt fid-dikjarazzjoni tiegħi ppreżentata maċ-ċitazzjoni;

Meta ġejt biex inbiegħ il-post in kwistjoni, mort għand Dr. Pierre Falzon. Wara li rċevejt il-kuntratt tas-separazzjoni mill-istess Nutar, ikkonfermali li kellu jsir rikors biex jinħatar kuratur biex jidher hu fuq il-kuntratt ta' bejgħ flok żewgħa;

Jiena mbagħad mort għand l-avukat ta' fiduċja tiegħi ta' dak iż-żmien Dr. Albert Libreri li kiteb lill-żewġi. Magħha memhuża prokura sabiex żewġi jiffirmaha sabiex inkun nista' nidher jiena għan-nom ta' żewġi fil-kuntratt ta' bejgħ;

Tah ħmistax-il ġurnata żmien għar-risposta u matul dak iż-żmien żewġi ċempel lill-avukat tiegħi u infurmah li kien ser ikun preżenti għall-pubblikazzjoni ta' l-att, meta dan isir. Pero` Dr. Libreri talbu biex żewġi jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub dwar din l-intenzjoni tiegħu. Tah żmien ġimgħa biex jagħmilha, iżda din id-dikjarazzjoni ma rċevejtha qatt;

Għaldaqstant ma kienx hemm alternattiva, ħlief li nagħmlu din il-kawża;

Bħalissa hemm ċans ta' bejgħ tal-fond in kwistjoni u ma nistax inbiegħ minħabba l-inadempjenza ta' żewġi li jersaq fuq

il-kuntratt, għalhekk hi meħtieġa sentenza mill-Qorti biex jiġu appuntati kuraturi *li jidhru flok żewġi fuq l-att ta' trasferiment*";

Il-Qorti kkunsidrat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti ta' l-4 ta' Awissu, *1980* fl-atti tan-*Nutar Antonio* Carbonaro partikolarment il-klawsola li tikkonċerna d-dar li hija l-klawsola 5 (a) li hekk tgħid u dan wara li saret dikjarazzjoni li l-partijiet qegħdin ixolju *il-komunjoni ta' l-akkwisti li qed issir* il-qsim tagħha:

"EV tipperċepixxi *in piena* u assoluta *proprieta` l-mobbli* kollha tad-dar taż-żwieġ *a limine intus*, kollox inkluż u xejn eskluż oltre d-deheb, fided u oġġetti ta' ħaġar prezzjuż illi jinsabu fl-imsemmi fond. Hija jkollha d-dritt li tibqa' tabita fil-fond flat 2, St. Anthony Flats, Triq Giacinto Tua, il-Gzira, id-dar taż-żwieġ li ser tibqa' ta' proprjeta` komuni bejn il-komparenti konjuġi. Jibqa' *riservat* id-dritt lill-komparenti EV li meta tkun trid hi l-fond jibiegħ u apparti li hija tieħu nofs ir-rikavat wara li jinqata' d-dejn fuqu dovut lil Lohombus *Corporation*, il-komparenti CV jagħti lill-martu għal darba waħda biss sehemhu mir-rikavat bilanċjali u dana għas-saldu tas-sehem li jmiss lill-komparenti EV mill-komunjoni ta' l-akkwisti";

Fil-klawsola 5 (a) ġie ddikjarat li l-komparenti Elizabeth Vella *tobbliga ruħha* li tħallas ir-rata ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) fix-xahar pagabbli lil Lohombus Corporation;

Dan l-element ġie kkunsidrat *fis-sentenza* tal-Qorti ta' l-Appell tad-19 ta' Ottubru, 1994 u għalhekk il-Qorti tikkunsidra ir-raba' punt (4) li hija proprja s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li kienet saret wara *li* l-konvenut f'*din* il-kawża kien ippreżenta ċitazzjoni fil-Prim'Awla fejn fost affarijiet oħra ried jattakka l-klawsola fuq imsemmija, tilef il-kawża fil-Prim'Istanza u

appella minn din is-sentenza;

*F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell*, wara *li kkunsidrat* dawk il-partijiet ta' separazzjoni li jikkonċernaw is-separazzjoni personali tal-miżżewġin u dawk il-klasoli li jikkonċernaw is-separazzjoni tal-beni, hekk qalet:

"Hu ovvju li d-dar konjugali ma kellha x'taqsam xejn f'dan il-kuntratt ta' separazzjoni, ma min kien sejjer *ikollu l-*kura u kustodja tat-tfal. Kif ġa` qalet din il-Qorti, l-klawsola fejn din hija mensjonata, hija klawsola fejn tnejn min-nies qablu kif għandha tinqasam proprjeta` bejniethom. Parti minn din il-qasma kienet id-dritt ta' abitazzjoni (dritt reali) li ngħata lill-mara tul ħajjitha. Ovvjament id-dritt reali ta' abitazzjoni *normalment ma jagħtix id-dritt li tbiegħ, u għalhekk ġie ukoll* stipulat li hi tkun tista' tbiegħ il-fond jekk hekk dehrilha";

Għal dawn ir-raġunijiet:

Il-Qorti jidhrilha li t-talbiet attriċi huma totalment ġustifikabbli u tiddikjara għalhekk: (1) li l-konvenut huwa obbligat jersaq għall-kuntratt ta' bejgħ tal-fond matrimonjali Flat 2, St. Anthony Flats, Triq Giacinto Tua, il-Gzira; (2) tordna lill-istess konvenut sabiex jersaq għall-att opportun notarili ta' trasferiment tal-fond matrimonjali in kwistjoni u tinnomina bħala kuratur deputat biex jirrappreżenta lill-eventwali *kontumaċi fl-att opportun ta' bejgħ lill-istess konvenut jekk dan* ma jidhirx lill-Avukat Dottoressa Deborah Huber, tinomina ukoll minkejja li ma hemmx talba lin-Nutar Dr. Pierre Falzon biex jippubblika l-att opportun peress ukoll li dan kien ukoll nominat mill-attriċi;

*L-ispejjeż tal-kawża huma ukoll kollha a kariku tal-*konvenut kif ikunu ukoll l-ispejjeż tal-kuratur deputat jekk dina

tissostitwixxi lill-istess konvenut fuq l-att notarili.